MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1001/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Caroline Fabri)**

**vs**

**FRANCIELLE ELLUL (BENHASSEN)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francielle Ellul (Benhassen) ta' 28 sena, bint Martin Ellul u Miriam xebba Magro, imwielda Pieta', fit-3 ta' Dicembru 1984, toqghod 10, Triq l-Arkata, Rahal Gdid u detentrici ta' karta tal-identita' numru 21385(M)

Giet akkuzata talli

1. Ikkommettiet serq ta' gojjellerija u oggetti ohra mill-fond 16, Rose, Flat 2, Triq San Stiefnu, Birzebbugia ghad-detriment ta' Michele Agius, numru tal-karta tal-identita' 5937M, ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37, bil-persuna u bil-lok;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamlet reat waqt perjodu operattiv ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett (3) snin moghtija lilha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. S Demicoli LL.D, datata 30 ta' Novembru 2012;

U finalment talli f'dawn il-Gzejjer, matul l-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, irrendiet ruhha recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 59 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li giet misjuba hatja ta' reati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Michele Agius iddikjara li parti mir-rifurtiva giet ritornata u nkwantu ghar-rimanenti parti tar-rifurtiva gie kompensat finanzjarjament mill-imputata.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(c), (d), u (e), 267, 268, 269, 279(b), 280(1), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 u l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Francielle Ellul (Benhassen), fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha,

u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputata Francielle Ellul (Benhassen) taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u inoltre tikkundanna lill-istess imputata Francielle Ellul (Benhassen) ghall-piena ta' hames mitt Euro (Euro 500) multa.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Francielle Ellul (Benhassen).

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmija Francielle Ellul (Benhassen) kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputata Francielle Ellul (Benhassen) l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------